# Bil-Mewt tal-Professur Zarb...
# ...Tlifna Ġawhra Kbira u Għażiża

It-telfa tal-Professur Serafin Zarb ma kinitx telfa għall-Ordni Dumnikan biss, li tiegħu kien iben ħabrieki, eżemplari u għajn ta' ispirazzjoni imma sofrietha Malta kollha. Sofrietha fuq kollox il-Knisja li fih tilfet wieħed mill-aqwa studjużi u l-aktar għorrief tagħha. Malta tilfet minnu iben den, ċittadin ħabrieki u onest, għaref u kolt li ta sehmu bis-sħiħ f'kull qasam tas-soċjetà.

Meta miet il-Professur Zarb kellu 76 sena. Kien twieled il-Belt fl-1899. Wara l-istudji tiegħu fil-Liċeo f'Malta hu mar fl-Angelicum ta' Ruma u ħa il-lettorat u wara sar Majjistru tat-teoloġija. Studja wkoll fl-Ecole Biblique et Archeologique Francaise ta' Ġerusalemm. Il-liċenzjat u d-dottorat tiegħu fl-Iskrittura mqaddsa ħadhom mill-Kummissjoni Biblika Pontifiċja tal-Vatikan.

Fl-Angelicum ta' Ruma fejn studja hu laħaq professur tal-Iskrittura tal-Ilsna Orjentali, kien ukoll professur tal-Iskrittura fil-kulleġġ Beda ġo Ruma. F'MALTA ukoll kien Professur tal-Iskrittura u tal-Ilsna Orjentali u Professur Emeritus fl-Università ta' Malta.

Lill-Ordni Dumnikan hu mhux biss taħ is-servizz tal-għerf u l-istudji tiegħu imma wkoll servieh bħala Rettur tal-Kulleġġ St. Albert, bħala Pirjol tal-kunvent tal-Belt, bħala Provinċjal.

Fost l-unuri li qala' l-Professur Zarb insibu li hu kien uffiċjal Gran Prijur tal-Ordni Militari tas-SS.mu Salvatur u ta' Santa Briġida, kien Officier d'Academie Francaise, kien Kappillan tal-Ordni tal-Kuruna ta' Stuart u Uffiċċjal tal-Ordni tal-Imperu Ingliż.

Fil-ħajja soċjali hu ħa sehem attiv u għen bħala saċerdot kull fejn seta'. Ma tispiċċax jekk tibda ssemmi l-għaqdiet li kien membru tagħhom jew kien igħinhom. Kien President onorarju tal-Każini tal-Banda King's Own u ta' Santa Katerina taż-Żurrieq. Kien direttur spiritwali tal-Anglo Maltese Club, kien Chairman tal-Working Committee tal-Malta Relief Fund.

Il-Professur kien membru tal-Malta Historical Society. Kien għal żmien twil, għal 36 sena editur u kittieb ir-rivista xjentifika li joħorgu d-Dumnikani "Scentia" li tista' tgħid kienet biċċa minnu. Fiha kien jikteb kull darba fuq suġġetti differenti.

Għalina mhux biss inħossu li tlifna lil-Professur bħala bniedem studjuż u għaref, professur, u bniedem mimli bl-unuri, bniedem li għamel isem għalih u għal Malta, imma wkoll bħala membru ħabrieki tal-Akkademja li diversi drabi kien fil-Kumitat u ta kontribut siewi lill-għaqda tagħna. It-telfa tiegħu ma nistgħux nibkuha aħna biss imma tibkiha Malta kollha.